# IS-SEBGĦIN ĠIMGĦA TA' DANJEL 9:23-27

**Danjel 9:23-27**, u s-siltiet tat-Testment il-Ġdid li wettquhom:

**Danjel 9:23-27** – "[23]Fil-bidu tat-tħannin tiegħek ħarġet kelma, u jien ġejt biex ngħarafhielek; għax int maħbub wisq: għalhekk moħħok fil-kelma, u ifhem id-dehra. [24]Sebgħin ġimgħa huma maqtugħin għall-poplu tiegħek, u għall-belt imqaddsa tiegħek, **biex ikun miżmum il-ħażen, u biex jintemmu d-dnubiet**, **biex titħallas il-ħtija**, u biex tiġi s-sewwa ta' dejjem, u tkun issiġillata d-dehra u l-profezija, **u jkun ikkonsagrat l-Aktar Qaddis**. [25]Kun af, mela, u ifhem! Mill-ħruġ tal-kelma biex jagħtu l-ħajja u jerġgħu jibnu lil Ġerusalem sal-Messija, il-Prinċep, ikun hemm seba' ġimgħat, u fi tnejn u sittin ġimgħa tarġa' lura u tinbena, pjazez u swar, imqar fi żmien ta' taħbit. [26]Wara t-tnejn u sittin ġimgħa, **il-Messija jkun meqrud**, bla ma jkollu ħtija: u l-poplu tal-prinċep li għandu jiġi, **iġarraf il-belt u s-santwarju**. U tmiemu jkun b'mewġa li tgħarraq; sa l-aħħar ikun hemm taqbid: taħrib li għandu jsir. **[27]Jagħmel rabta qawwija ma' ħafna** għal ġimgħa waħda: iżda f'nofs il-ġimgħa jwaqqaf is-sagrifiċċju u l-offerta tal-qamħ; u fuq il-ġewnaħ ta' ħaġa mistkerrha jiġi wieħed li jagħmel ħerba; sama t-tmiem kollu, maq-tugħ li għandu jsir, jissawwab fuq dak li jagħmel il-ħerba."

**Sebgħin ġimgħa mill-kmandament (kelma)—Danjel 9:23-27.**

1. **"Spiċċa l-ksur, it-trassgressjoni,"**
   Dan kien imwettaq:
   - **Lhud 10:12** – "Iżda dal-bniedem, wara li offra sagrifiċċju wieħed għad-dnubiet għal dejjem, qagħad bil-qiegħda fuq il-lemin ta' Alla:"
   - **Efesin 2:15** – "Billi ġarraf il-ħajt li kien jifridna—il-mibegħda ta' bejnietna—u ħassar bis-sagrifiċċju ta' ġismu l-liġi bil-kmandamenti u l-preċetti tagħha."
   - **Luqa 11:47, 51** – "[47]Jaħasra għalikom! Għax tibnu l-oqbra tal-profeti, li missirijietkom qatluhom…[51]Minn demm Abel sa demm Żakkarija, li kien meqrud bejn l-artal u s-santwarju: tassew ngħdilkom: Għad jintalab minn fuq dan in-nisel."
   - **Mattew 23:29-32** – "Jaħasra għalikom, skribi u Fariżej, ipokriti! għaliex intom tibnu l-oqbra tal-profeti, u żżejnu l-monumenti tan-nies sewwa, [30]U tgħidu: kieku għexna fi żmnien missirijietna, ma konniex inkunu sħab magħhhom fid-demm tal-profeti. [31]Għalhekk intom xhieda għalikom infuskom, li intom ulied dawk li qatlu l-profeti. [32]Imlew mela l-kejl ta' missirijietkom."

- **Mattew 21:33-45** – "Isimgħu parabbola oħra: Kien hemm wieħed sid dar, li ħawwel għalqa dwieli, u dawwarha b'ħajt, u ħaffer fiha magħsar, u bena torri, u qabbliha lill-bdiewa, u mar f'pajjiż fil-bogħod. 34U meta qorob żmien il-frott, bagħat il-qaddejja tiegħu għand il-bdiewa, biex jieħdu l-frott tagħha. 35U l-bdiewa qabdu l-qaddejja tiegħu, u lil wieħed sawtuh, u lil ieħor qatluh, u lil ieħor ħaġġruh. 36Raġa' bagħat qaddejja oħra aktar minn ta' l-ewwel: u għamlulhom l-istess. 37Imma fl-aħħar bagħtilhom lil ibnu, billi qal: Lil ibni juruh ġieh. 38Iżda l-bdiewa kif raw l-iben, qalu bejniethom: Dan hu l-werriet; ejjew ħa noqtluh, u nieħdu wirtu. 39U qabduh, u xeħtuh barra mill-għalqa tad-dwieli, u qatluh. 40Mela meta jiġi sid il-għalqa tad-dwieli, x'jagħmlilhom lil dawk il-bdiewa? 41Qalulu: Jeqred bla ħniena lil dawk l-irġiel ħżiena, u jqabbel il-għalqa tad-dwieli tiegħu lill-bdiewa oħra, li jagħtuh il-frott fi żmienu. 42Ġesù qalilhom: Qatt ma qrajtu fl-iskrittura: Il-ġebla li ma ridux il-bennejja, saret ras il-għareb: dan egħmil il-Mulej, u hu tal-għaġeb f'għajnejna? 43Għalhekk ngħidilkom: Is-saltna ta' Alla tittieħed minn għandkom, u tingħata lill-ġens li jagħti l-frott minnha. 44U kull min jaqa' fuq dil-ġebla jitkisser: iżda fuq kull min taqa', titħnu trab. 45U xħin il-qassisin il-kbar u l-Fariżej semgħu l-parabboli tiegħu, għarfu li tkellem fuqhom."

2. **"Iġib ġustizzja ta' dejjem,"**
   Dan kien imwettaq:

- **Rumani 3:21-31** – "Issa l-ġustizzja ta' Alla dehret mingħajr il-liġi, għad li l-liġi u l-profeti jixhdu għaliha. U din hi l-ġustizzja ta' Alla u li Alla jagħti permezz tal-fidi f'Ġesù Kristu lil dawk li jemmnu bla ma jagħżel bejniethom. Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħdu mill-glorja ta' Alla' għalhekk issa huma jkunu iġġustifikati bil-grazzja tiegħu li jagħtihom minn rajh permezz tal-fidwa li hemm fi Kristu Ġesù. 25Li Alla qiegħdu biex ikun bħala mezz tal-maħfra ta' dnubietna permezz tal-fidi f'demmu, biex juri l-ħaqq tiegħu għall-maħfra tad-dnubiet ta' qabel, bi żmien is-sabar t'Alla; 26Biex juri, ngħid jien, il-ħaqq tiegħu: fiż-żmien ta' issa: biex ikun ġust, u jagħmel ġust lil min jemmen f'Ġesù. 27Fejn hu mela l-ftaħir? Ma jidħolx. B'liema liġi? Ta' l-opri? Le: imma bil-liġi tal-fidi. 28Għalhekk aħna nżommu li bniedem hu iġġustifikat bil-fidi mingħajr l-egħmil tal-liġi. 29Forsi Alla hu Alla tal-Lhud biss? Mhux tal-pagani wkoll? IVA, tal-pagani wkoll. 30Alla hu wieħed, u hu l-istess wieħed li

jiġġustifika permezz tal-fidi l-Lhudi ċirkonċiż u l-pagan mhux ċirkonċiż. [31]Qegħdin aħna mela nxejnu l-liġi permezz tal-fidi? Allaħares! Iva, qegħdin inwettqu l-liġi."

- **Lhud 9:12** – "Hu daħal darba għal dejjem fis-santwarju, mhux bis-saħħa tad-demm tal-mogħoż u tal-għoġġiela, imma bis-saħħa ta' demmu stess, u hekk kiseb fidwa għal dejjem."
- **2 Tessalonikin 2:16** - "Issa Sidna Ġesù Kristu nnifsu, u Alla, Missierna, li ħabbna, u tana faraġ ta' dejjem, u tama tajba permezz tal-grazzja."
- **2 Korintin 9:9** – "Bħalma hu miktub: Qassam; ta lill-foqra: il-ħaqq tiegħu jibqa' għal dejjem."

3. **"Jintemmu d-dnubiet,"**
   Dan kien imwettaq:
   - **Ġwanni 1:29** – "L-għada Ġwanni ra 'l Ġesù ġej lejh, u qal: Ara l-Ħaruf t'Alla, li jneħħi d-dnub tad-dinja."
   - **Mattew 1:21** – "U hi tiled iben; u int issemmih ĠESÙ; għax hu jeħles il-poplu tiegħu minn dnubiethom."
   - **Atti 10:43** – "Lilu l-profeti kollha jixhdu, li dawk kollha li jemmnu fih jaqilgħu l-maħfra ta' dnubiethom b'ismu."
   - **Lhud 9:26** – "Għax kieku kien ikollu jbati ta' spiss mit-tisjis tad-dinja: iżda issa deher darba fl-aħħar taż-żminijiet biex iħassar id-dnub bis-sagrifiċċju tiegħu nnifsu."

4. **"Rikonċiljazzjoni għall-ħażen,"**
   Dan kien imwettaq:
   - **Kolossin 1:20** – "U, wara li gieb is-sliem permezz tad-demm tas-salib tiegħu, ħabbeb il-ħwejjeġ kollha miegħu nnifsu bih; sew dawk li huma fl-art, kemm dawk li huma fis-sema."
   - **Lhud 2:17** – "Għalhekk kien jaħtieġlu li f'kollox ikun magħmul bħall-aħwa, biex isir qassis il-kbir u ħanin u fidil fil-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' Alla, biex iħallas għad-dnubiet tal-poplu."

5. **"Ikkonsagrat (Midluk) l-Aktar Qaddis,"**
   Dan kien imwettaq:
   - **Mattew 3:15-17** – "[15]U wieġeb Ġesù, qallu: Ħa jkun hekk issa: għax hekk xieraq għallina, biex inwettqu kull ħaqq. Imbagħad ħallieh. [16]U malli tgħammed, Ġesù minnufih ħareġ mill-ilma: u, ara, is-smewwiet infetħulu, u ra l-Ispirtu t'Alla nieżel bħal

ħamiema, u ġej fuqu: U, ara, leħen mis-smewwiet igħid: Dan hu Ibni l-maħbub, li bih nitgħaxxaq."

- **Luqa 4:18** – "L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għaliex hu dilikni biex inxandar l-evanġelju lill-foqra; bagħatni biex infejjaq lil dawk ta' qalbhom maqsuma, biex inħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, u nagħti d-dawl lill-għomja; biex neħles lill-imgħakksin."
- **Atti 4:26-27** – "U qamu s-slaten ta' l-art, u l-kbarat inġemgħu flimkien kontra l-Mulej, u kontra l-Kristu tiegħu. [27]Għaliex tabilħaqq inġemgħu flimkien kontra t-tifel qaddis tiegħek Ġesù, li int dlikt, sew Erodi, u kemm Pilatu, mal-Ġentili u l-poplu ta' Iżrael."
- **Atti 10:38** – "Kif dilek Alla bl-Ispirtu s-Santu u bil-qawwa 'l Ġesù ta' Nażaret: li għadda jagħmel il-ġid, u jfejjaq lil dawk kollha li kienu maħqurin mix-xitan; għax Alla kien miegħu."
- **Lhud 1:8-9** – "Imma għal l-Iben igħid "It-Tron tiegħek, O Alla, għal dejjem ta' dejjem, ix-xettru tal-ġustizzja hu x-xettru ta' saltnatek. [9]Int ħabbejt il-ħaqq, u bgħadt il-ħażen; għalhekk Alla. Alla tiegħek, dehnek biż-żejt tal-ferħ aktar minn sħabek."

6. **"Il-Messija imneħħi,"**
   Dan kien imwettaq:
   - **Isaija 53:8** – "[8]Bid-dnewwa u l-ħaqq hu kien imneħħi; u min fost dawk tal-ġenerazzjoni tiegħu qagħad jaħseb li hu kien maqtugħ minn art il-ħajjin, milqut minħabba l-ħtija tal-poplu tiegħi?"
   - **Atti 8:32-33** – "[32]Il-biċċa ta' l-iskrittura li kien jaqra kienet din: Bħal nagħġa meħuda għall-qatla; u bħal ħaruf bla leħen quddiem minn iġiżżu, hekk hu ma fetaħx fommu: [33]Fl-umiljazzjoni tiegħu l-ħaqq tiegħu nċaħad: min qatt jista' jfisser nislu? għax ħajtu neħħewlu mill-art."

7. **"Jeqred il-belt u s-santwarju (tempju),"**
   Dan kien imwettaq:
   - **Mattew 24:1-34** – "[1]U ħareġ Ġesù, u telaq mit-tempju: u resqu lejh id-dixxipli tiegħu biex juruh il-bini tat-tempju. [2]U qalilhom Ġesù: Tarawx dawn il-ħwejjeġ kollha? Tassew ngħidilkom: Ma titħalliex hawn ġebla fuq oħra, li ma tiġġarrafx. [3]U hu u qiegħed fuq il-għolja taż-Żebbuġ, id-dixxipli resqu fejnu bil-moħbi, igħidu: Għidilna, meta jiġru dawn il-ħwejjeġ? U x'ikun is-sinjal tal-miġja tiegħek, u ta' tmiem id-dinja? [4]U wieġeb Ġesù, u

qalilhom: Araw li ħadd ma jqarraq bikom. [5]Għax jiġu ħafna
f'ismi jgħidu: Jien hu Kristu; u jqarrqu b'ħafna. [6]U tisimgħu bi
gwerer, u bi xnigħat ta' gwerer: araw li ma titħawdux: għax dan
kollu jaħtieġ jiġri, iżda għad mhux it-tmiem. [7]Għax ġens iqum
kontra ġens, u saltna kontra saltna: u jkun hemm ġuħ, u pesta, u
theżhiż ta' l-art f'ħafna postijiet. [8]Dawn kollha huma l-bidu tal-
weġgħat. [9]Imbagħad jagħtukom biex tinħaqru, u joqtlukom; u
tinbagħadu minħabba f'ismi minn kull ġens. [10]U mbagħad ħafna
jitfixklu, u jittradixxu lil xulxin, u jobogħdu lil xulxin. [11]U ħafna
profeti foloz iqumu, u jqarrqu b'ħafna. [12]U għax il-ħażen jiżdied,
tibred l-imħabba ta' ħafna wħud. [13]Iżda dak li jdum sa l-aħħar,
isalva. [14]U dan l-evanġelju tas-saltna jixxandar mad-dinja kollha
bħala xhieda lill-ġnus kollha; imbagħad jiġi t-tmiem. [15]Għalhekk
meta taraw il-għajb tal-ħerba, li fuqha tkellem il-profeta Danjel,
qiegħda fil-lok imqaddes (ħa jifhem min jaqra:) [16]Imbagħad ħalli
jaħarbu dawk li jkunu fil-Lhudija għall-muntanji: [17]U dak li jkun
fuq il-bejt ħalli ma jinżilx biex jieħu xi ħaġa minn daru: [18]U dak
li jkun fil-għalqa ħalli ma jarġax lura biex jieħu ħwejġu. [19]U
jaħasra għan-nisa tqal, u għal dawk li jreddgħu f'dawk il-jiem!
[20]Itolbu li l-ħarba tagħkom ma tkunx fix-xitwa, lanqas nhar ta'
Sibt. [21]Għax imbagħad ikun hemm niket kbir, li bħalu ma kienx
mill-bidu tad-dinja sa issa, le, lanqas ikun hemm. [22]U jekk dawk
il-jiem ma jkunux qsaru, ebda bniedem ma jsalva: iżda
minħabba l-maħturin dawk il-jiem jiqsaru. [23]Imbagħad jekk xi
bniedem igħidilkom: Ara, hawn, jew hemm, hu Kristu, la
temmnuhx. [24]Għax iqumu Kristijiet foloz, u profeti foloz, u juru
sinjali kbar u egħġubijiet; biex, jekk jista' jkun, iqarrqu bil-
maħturin ukoll. [25]Ara, jien għidtilkom minn qabel. [26]Jekk mela
jgħidulkom: Ara, qiegħed fid-deżert; la toħorġux; ara, qiegħed
fil-kmamar ta' ġewwa la temmnux dan. [27]Għax bħalma l-berqa
tiġi mil-lvant, u tidher ukoll mill-punent; hekk ukoll tkun il-
miġja ta' Bin il-bniedem. [28]Għax kull fejn ikun hemm il-ġisem
mejjet, hemm l-ajkli jkunu miġmugħin flimkien. [29]Minnufih
wara n-niket ta' dawk il-jiem ix-xemx tiddallam, u l-qamar ma
jagħtix id-dawl tiegħu, u l-kwiekeb jaqgħu mis-sema, u l-
qawwiet tas-smewwiet jitheżhżu: [30]U mbagħad jidher is-sinjal
ta' Bin il-bniedem fis-sema: u mbagħad it-tribujiet kollha ta' l-
art jolfqu, u jaraw Bin il-bniedm ġej fis-sħab tas-sema b'qawwa
u glorja kbira. [31]U jibgħat l-anġli tiegħu b'ħoss kbir ta' tromba, u
jiġbru flimkien il-maħturin tiegħu mill-erbat irjieħ, minn tarf sa
tarf tas-sema. [32]Issa mis-siġra tat-tin itgħallmu parabbola: Meta

l-fergħa tagħha tkun għadha ratba, u toħroġ il-weraq, tafu li s-sajf ikun qorob: [33]Hekk ukoll intom, meta taraw dawn il-ħwejjeġ kollha, kunu afu li qiegħed il-qrib: fil-bibien. [34]Tassew ngħidilkom: Din il-ġenerazzjoni ma tgħaddix, sama jseħħu dawn il-ħwejjeġ kollha."

8. **"Patt ikkonfermat ma' ħafna,"**
   Dan kien imwettaq:
   - **Atti 10:34** – "[34]Imbagħad Pietru fetaħ fommu, u qal: Tassew qiegħed nara li Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd."
   - **Rumani 9:30** – "[30]Xi ngħidu mela? Li l-Ġentili, li ma kinux ifittxu l-ħaqq, sabu l-ħaqq; anzi l-ħaqq li jiġi mill-fidi:"

9. **"Issiġillata d-dehra jew il-viżjoni,"**
   Dan kien imwettaq:
   Dan jindika d-dehra jew il-viżjoni kompluta bit-twettiq tagħha fil-ġrajjiet speċifikati
   - **Lhud 1:1-2** – "[1]Alla, li bosta drabi u b'ħafna manjieri kellem fl-imgħoddi lil missirijietna bil-profeti, [2]F'dawn l-aħħar jiem kellimna b'Ibnu, li għamlu werriet tal-ħwewjjeġ kollha, u li bih ukoll għamel id-dinjiet."
   - **Ġwanni 1:1** – "[1]Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet ma' Alla, u l-Kelma kienet Alla."
   - **2 Pietru 1:19-21** – "[19]U hekk għandna mwettqa aħjar il-kelma tal-profeti. Tagħmlu sewwa jekk toqogħdu attenti għaliha; hi bħal fanal li jagħti d-dawl f'post mudlam, sa ma jibda jbexbex il-jum u f'qalbkom titla' l-kewkba ta' fil-għodu. [20]Dan fuq kollox għandkom tkunu tafu: li l-ebda profezija ta' l-Iskrittura ma għandu ħadd ifissirha minn rasu. [21]Għax qatt ma kien li xi profezija ġiet mir-rieda tal-bnedmin; imma, meta l-bnedmin tkellmu fl-isem ta' Alla, dan għamluh għax kienu mqanqlin mill-ispirtu s-Santu."

## THE SEVENTY WEEKS OF DANIEL 9:23-27

**Daniel 9:23-27**, and the passages of the New Testament that fulfilled them:

**Daniel 9:23-27** – "[23]At the beginning of your supplications the command went out, and I have come to tell *you,* for you *are* greatly beloved; therefore consider the matter, and understand the vision: [24]"Seventy weeks are determined For your people and for your holy city, **To finish the transgression, To make an end of sins, To make reconciliation for iniquity**, **To bring in everlasting righteousness**, To seal up vision and prophecy, **And to anoint the Most Holy**. [25]"Know therefore and understand, *That* from the going forth of the command To restore and build Jerusalem Until Messiah the Prince, *There shall be* seven weeks and sixty-two weeks; The street shall be built again, and the wall, Even in troublesome times. [26]"And after the sixty-two weeks **Messiah shall be cut off,** but not for Himself; And the people of the prince who is to come **Shall destroy the city and the sanctuary.** The end of it *shall be* with a flood, And till the end of the war desolations are determined. [27]Then he shall **confirm a covenant with many** for one week; But in the middle of the week He shall bring an end to sacrifice and offering. And on the wing of abominations shall be one who makes desolate, Even until the consummation, which is determined, Is poured out on the desolate."

**Seventy weeks from the commandment (word)—Daniel 9:23-27.**

1. **"To finish the transgression"**

   This was fulfilled:

   - **Hebrews 10:12** – "But this Man, after He had offered one sacrifice for sins forever, sat down at the right hand of God,"
   - **Ephesians 2:15** – "Having abolished in His flesh the enmity, *that is,* the law of commandments *contained* in ordinances, so as to create in Himself one new man *from* the two, *thus* making peace,"
   - **Luke 11:47, 51** – "[47]Woe to you! For you build the tombs of the prophets, and your fathers killed them… [51]from the blood of Abel to the blood of Zechariah who perished between the altar and the temple. Yes, I say to you, it shall be required of this generation."
   - **Matthew 23:29-32** – "[29]"Woe to you, scribes and Pharisees, hypocrites! Because you build the tombs of the prophets and adorn the monuments of the righteous, [30]and say, 'If we had

lived in the days of our fathers, we would not have been partakers with them in the blood of the prophets.' [31]"Therefore you are witnesses against yourselves that you are sons of those who murdered the prophets. [32]Fill up, then, the measure of your fathers' *guilt*."

- **Matthew 21:33-45** – "[33]"Hear another parable: There was a certain landowner who planted a vineyard and set a hedge around it, dug a winepress in it and built a tower. And he leased it to vinedressers and went into a far country. [34]Now when vintage-time drew near, he sent his servants to the vinedressers, that they might receive its fruit. [35] And the vinedressers took his servants, beat one, killed one, and stoned another. [36]Again he sent other servants, more than the first, and they did likewise to them. [37]Then last of all he sent his son to them, saying, 'They will respect my son.' [38]But when the vinedressers saw the son, they said among themselves, 'This is the heir. Come, let us kill him and seize his inheritance.' [39]So they took him and cast *him* out of the vineyard and killed *him*. [40]"Therefore, when the owner of the vineyard comes, what will he do to those vinedressers?" [41]They said to Him, "He will destroy those wicked men miserably, and lease *his* vineyard to other vinedressers who will render to him the fruits in their seasons." [42] Jesus said to them, "Have you never read in the Scriptures: *'The stone which the builders rejected Has become the chief cornerstone. This was the LORD's doing, And it is marvelous in our eyes'*? [43] "Therefore I say to you, the kingdom of God will be taken from you and given to a nation bearing the fruits of it. [44]And whoever falls on this stone will be broken; but on whomever it falls, it will grind him to powder." [45]Now when the chief priests and Pharisees heard His parables, they perceived that He was speaking of them."

2. "**To bring in everlasting righteousness**"

   This was fulfilled:

- **Romans 3:21-31** – "[21]But now the righteousness of God apart from the law is revealed, being witnessed by the Law and the Prophets, [22] even the righteousness of God, through faith in Jesus Christ, to all and on all who believe. For there is no difference; [23]for all have sinned and fall short of the glory of God, [24]being justified freely by His grace through the redemption that is in Christ Jesus, [25]whom God set forth *as* a propitiation by His

blood, through faith, to demonstrate His righteousness, because in His forbearance God had passed over the sins that were previously committed, [26]to demonstrate at the present time His righteousness, that He might be just and the justifier of the one who has faith in Jesus."

- **Hebrews 9:12** – "[12]Not with the blood of goats and calves, but with His own blood He entered the Most Holy Place once for all, having obtained eternal redemption.

- **2 Thessalonians 2:16** - "[16]Now may our Lord Jesus Christ Himself, and our God and Father, who has loved us and given *us* everlasting consolation and good hope by grace."

- **2 Corinthians 9:9** – "[9]As it is written: " He has dispersed abroad, He has given to the poor; His righteousness endures forever."

3. "**To make an end of sins**,"

This was fulfilled:

- **John 1:29** – "[29]The next day John saw Jesus coming toward him, and said, "Behold! The Lamb of God who takes away the sin of the world!"
- **Matthew 1:21** – "[21]And she will bring forth a Son, and you shall call His name JESUS, for He will save His people from their sins.""

- **Acts 10:43** – "[43]To Him all the prophets witness that, through His name, whoever believes in Him will receive remission of sins."

- **Hebrews 9:26** – "[26]He then would have had to suffer often since the foundation of the world; but now, once at the end of the ages, He has appeared to put away sin by the sacrifice of Himself.

4. "**To make reconciliation for iniquity**,"

This was fulfilled:

- **Colossians 1:20** – "[20]And by Him to reconcile all things to Himself, by Him, whether things on earth or things in heaven, having made peace through the blood of His cross."

- **Hebrews 2:17** – "[17]Therefore, in all things He had to be made like *His* brethren, that He might be a merciful and faithful High

Priest in things *pertaining* to God, to make propitiation for the sins of the people."

5. "**And to anoint the Most Holy**"
This was fulfilled:

- **Matthew 3:15-17** – "[15]But Jesus answered and said to him, "Permit *it to be so* now, for thus it is fitting for us to fulfill all righteousness." Then he allowed Him. [16]When He had been baptized, Jesus came up immediately from the water; and behold, the heavens were opened to Him, and He saw the Spirit of God descending like a dove and alighting upon Him. [17]And suddenly a voice *came* from heaven, saying, "This is My beloved Son, in whom I am well pleased."
- **Luke 4:18** – "[18]The Spirit of the LORD is upon Me, Because He has anointed Me To preach the gospel to the poor; He has sent Me to heal the brokenhearted, To proclaim liberty to the captives And recovery of sight to the blind, To set at liberty those who are oppressed."
- **Acts 4:26-27** – "[26]The kings of the earth took their stand, And the rulers were gathered together Against the LORD and against His Christ.' [27] "For truly against Your holy Servant Jesus, whom You anointed, both Herod and Pontius Pilate, with the Gentiles and the people of Israel, were gathered together."
- **Acts 10:38** – "[38]How God anointed Jesus of Nazareth with the Holy Spirit and with power, who went about doing good and healing all who were oppressed by the devil, for God was with Him."
- **Hebrews 1:8-9** – "[8]But to the Son *He says:* "Your throne, O God, is forever and ever; A scepter of righteousness is the scepter of Your kingdom. [9]You have loved righteousness and hated lawlessness; Therefore God, Your God, has anointed You With the oil of gladness more than Your companions."

6. "**Messiah shall be cut off,**"
This was fulifilled:

- **Isaiah 53:8** – "[8] He was taken from prison and from judgment, And who will declare His generation? For He was cut off from

the land of the living; For the transgressions of My people He was stricken."

- **<u>Acts 8:32-33</u>** – "[32] The place in the Scripture which he read was this: "He was led as a sheep to the slaughter; And as a lamb before its shearer is silent, So He opened not His mouth. [33]In His humiliation His justice was taken away, And who will declare His generation? For His life is taken from the earth."

7. **<u>Shall destroy the city and the sanctuary</u>"**
   This was fulfilled:
   - **<u>Matthew 24:1-34</u>** – "[1]Then Jesus went out and departed from the temple, and His disciples came up to show Him the buildings of the temple. [2]And Jesus said to them, "Do you not see all these things? Assuredly, I say to you, not *one* stone shall be left here upon another, that shall not be thrown down. [3]Now as He sat on the Mount of Olives, the disciples came to Him privately, saying, "Tell us, when will these things be? And what *will be* the sign of Your coming, and of the end of the age?" [4]And Jesus answered and said to them: "Take heed that no one deceives you. [5]For many will come in My name, saying, 'I am the Christ,' and will deceive many. [6]And you will hear of wars and rumors of wars. See that you are not troubled; for all *these things* must come to pass, but the end is not yet. [7]For nation will rise against nation, and kingdom against kingdom. And there will be famines, pestilences, and earthquakes in various places. [8]All these *are* the beginning of sorrows. [9]"Then they will deliver you up to tribulation and kill you, and you will be hated by all nations for My name's sake. [10]And then many will be offended, will betray one another, and will hate one another. [11]Then many false prophets will rise up and deceive many. [12]And because lawlessness will abound, the love of many will grow cold. [13]But he who endures to the end shall be saved. [14]And this gospel of the kingdom will be preached in all the world as a witness to all the nations, and then the end will come. [15] "Therefore when you see the '*abomination of desolation,*' spoken of by Daniel the prophet, standing in the holy place" (whoever reads, let him understand), [16] "then let those who are in Judea flee to the mountains. [17] Let him who is on the housetop not go down to take anything out of his house. [18] And let him who is in the field not go back to get his clothes. [19] But woe to those who are pregnant and to those who are nursing babies in those days! [20]

And pray that your flight may not be in winter or on the Sabbath. [21] For then there will be great tribulation, such as has not been since the beginning of the world until this time, no, nor ever shall be. [22]And unless those days were shortened, no flesh would be saved; but for the elect's sake those days will be shortened. [23]"Then if anyone says to you, 'Look, here *is* the Christ!' or 'There!' do not believe *it.* [24]For false christs and false prophets will rise and show great signs and wonders to deceive, if possible, even the elect. [25]See, I have told you beforehand. [26]"Therefore if they say to you, 'Look, He is in the desert!' do not go out; *or* 'Look, *He is* in the inner rooms!' do not believe *it.* [27]For as the lightning comes from the east and flashes to the west, so also will the coming of the Son of Man be. [28]For wherever the carcass is, there the eagles will be gathered together. [29]"Immediately after the tribulation of those days the sun will be darkened, and the moon will not give its light; the stars will fall from heaven, and the powers of the heavens will be shaken. [30]Then the sign of the Son of Man will appear in heaven, and then all the tribes of the earth will mourn, and they will see the Son of Man coming on the clouds of heaven with power and great glory. [31]And He will send His angels with a great sound of a trumpet, and they will gather together His elect from the four winds, from one end of heaven to the other. [32] "Now learn this parable from the fig tree: When its branch has already become tender and puts forth leaves, you know that summer *is* near. [33]So you also, when you see all these things, know that it is near—at the doors! [34]Assuredly, I say to you, this generation will by no means pass away till all these things take place."

8. **"<u>Confirm a covenant with many</u>"**

   This was fulfilled:

   - **<u>Acts 10:34</u>** – "[34]Then Peter opened *his* mouth and said: "In truth I perceive that God shows no partiality."
   - **<u>Romans 9:30</u>** – "[30]What shall we say then? That Gentiles, who did not pursue righteousness, have attained to righteousness, even the righteousness of faith."

9. **"Sealed the vision"**

   This was fulfilled:

   This indicate the vision complete with its fulfillment in the specific events.

- **<u>Hebrews 1:1-2</u>** – "[1]God, who at various times and in various ways spoke in time past to the fathers by the prophets, [2]has in these last days spoken to us by *His* Son, whom He has appointed heir of all things, through whom also He made the worlds."
- **<u>John 1:1</u>** – "[1]In the beginning was the Word, and the Word was with God, and the Word was God."
- **<u>2 Peter 1:19-21</u>** – "[19]And so we have the prophetic word confirmed, which you do well to heed as a light that shines in a dark place, until the day dawns and the morning star rises in your hearts; [20]knowing this first, that no prophecy of Scripture is of any private interpretation, [21] for prophecy never came by the will of man, but holy men of God spoke *as they were* moved by the Holy Spirit."

**<u>Ephesians 5:6</u>** – "Let no one deceive you with empty words, for because of these things the wrath of God comes upon the sons of disobedience."